**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Anna Zerafa nee' Sultana (KI 96955M),Mario Sultana (KI 424458M), Samuel Sultana (KI 317765M), Therese Agius nee' Sultana (KI 616664M), Francis Sultana (KI 941545M),Reverendu Tancred Sultana (KI 456052M), Sister Josephine Anne Sultana (KI 638847M) u Carmel Sultana (730444M) f'isimhom propju, Francis Sultana bhala mandatarju specjali ta' Louis Sultana (KI 109349M), Maria Concetta Apap (Passaport Awstraljan nr N2402691), Francis Vella (karta tal-pensjoni Awstraljana nr CRN 206-392-844K), Mary Vella (Passaport Awstraljan nr M9547758), Stella Mallia (karta tal-pensjoni Awstraljana Nr CRN 280-202-981K), Joseph Francis Vella (Passaport Awstraljan Nr PA 2926132), Anthony Vella (Passaport Awstraljan Nr N5078283), Emmanuel Vella (Passaport Awstraljan Nr N3549675) u Doris Portelli (Passaport Nr M9459526) u Paul Agius (KI 94763M) bhala mandatarju specjali ta' Margaret Camilleri (KI 720459M), Tania Sultana (KI 603857M), Carmen Sultana (KI 400056M) u Sister Maria Rosa Sultana (KI 253058M) ikoll fil-kapacita' taghhom ta' werrieta ta' Francesco u Carmela Sultana.**

**Vs**

**Robert Scerri**

**Rikors Guramentat Numru: 45/18**

Illum 10 ta' Lulju 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra s-segwenti:

1. Illi l-fond bl-indirizz 16, Sqaq San Pietru, Hamrun, huwa fond lokat lill-intimat;
2. Illi l-intimat halla l-fond fi stat ta' abbandun, u kwindi, dan jammonta ghal tibdil fid-destinazzjoni tal-fond de quo;
3. Illi l-intimat iffissa r-residenza tieghu barra mill-fond lokat lilu, u kwindi l-istess fond ma jintuzax u jinsab maghluq;
4. Illi l-intimat ilu ma ihallas il-kera dovuta minnu mis-sena 2009;
5. Illi huwa naqas milli jivvaka l-post u jirritorna c-cwievet tal-istess fond minkejja li gei debitament notifikat mill-esponenti.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u in vista tal-fatt illi hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-intimat m'ghandux difiza x'jaghti ghat-talbiet rikorrenti, l-esponenti jitolbu illi dan l-Onorabbli Bord illi, prevja d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni, dan l-Onorabbli Bord joghgbu, b'applikazzjoni tad-dizpozizzjonijiet tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69.

1. Jittermina l-kirja vigenti u dan stante r-ragunijiet fuq permessi;
2. Jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond u dan entro terminu qasir u perentorju illi jigi prefiss minn dan l-Onorabbli Bord;
3. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikiorrenti s-somma ta' tmien mija, tmienja u tletin ewro u tmenin centezmu (€838.80) rapprezentanta arretrati ta' kera illi l-intimat ma hallasx, u kwindi mis-sena 2009, sad-data tal-prezentata tal-prezenti;
4. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma rapprezentata tad-danni sal-gurnata tal-izgumbrament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimat ghalkemm debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tallum.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Jirrizulta li l-fond kien mikri lill-intimat izda huwa moruz fil-kera, apparti l-fatt li m'ghadux jirrisjedi fl-istess fond. Ghalkemm ir-rikorrenti talbuh biex jizgombra mill-fond huwa naqas li jaghmel dan.

Ir-rikorrenti rtiraw ir-raba' talba minghajr pregudizzju.

L-intimat ma deherx biex b'xi mod jikkontesta t-talbiet imressqa.

Il-Bord iqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma misthoqqa.

Ghal dawn il-motivi l-Bord filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tar-raba' (4) talba, jilqa' t-talbiet l-ohra kollha u ai fini tat-tieni talba tal-izgumbrament jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond bl-indirizz 16, Sqaq San Pietru, Hamrun f'terminu perentorju ta' tletin (30) jum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, hlief ghal dak li jirrigwarda r-raba' (4) talba li ghandhom ikunu a karigu tal-istess rikorrent.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**